KUNSILL LOKALI - GHAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**Minuti tat-Tmienja u Hamsin (58) Laqgha tas-Sebgha(7) Kunsill Lokali Ghaxaq**

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Ghaxaq iltaqa' ghal Laqgha Numru 58 fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 23 ta' Awwissu 2016 fis-6.00pm.

**Preżenti**.

**IS-SINDKU DARREN ABELA**
**Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO**
**IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS**
**IL-KUNSILLIER KEITH FENECH**
**IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI -skuzata**

**IS-SEGRETARJU EZEKUTTIV FIONA SAID**

It-Tmienja u Hamsin (58) Laqgha tas-Sebgha (7) Kunsill inzammet b'din l-Agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti

2. Approvazzjoniji tal-Hlasijiet:
   A. Skeda ta' Pagamenti: Numru 58/2016 - Lulju - Awwissu 2016
   B. Petty Cash – Lulju 2016

3. Financial Statements 2015

4. Tigdid tal-Kuntratt tal-Assistant Skrivan (Skala 16) fuq bazi full-time

5. Evalwazzjoni tat-Tender Nru GHLC/T/01/2016:
   Road Resurfacing and Patching Works

6. Korrispondenza

7. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

8. Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera

9. Aggornament tal-Laqgha

**Bidu tal-Laqgha:**

Il-Laqgha infethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Darren Abela.

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1. Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-minuti tal-Laqgha Numru 57 li nzammet nhar l-Tlieta, 26 ta' Lulju 2016 .

1.2. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 57 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

1.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 57. Il-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 57 gew approvati unanimament.

***F'dan l-istadju tal-laqgha attenda il-Vici-Sindku Emanuel Vassallo***

2. **Approvazzjoni tal-Hlasijiet:**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 58/2016 – Lulju –Awwissu 2016***

2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 58-2016 bic-cekkijiet numru 5295 sa 5328 li tammonta €15,284.11
Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar cheque numru 5308, dwar il-kont tal-ilma tal-Housing Estate. Sabiex jitnaqqas ftit dan il-kont gie propost li ssir trinka li taqsam minn Gnien ghal iehor sabiex it-tisqija ta' gnien il-Kunsill tibda ssir mill-giebja. Il-Vici Sindku Emmanuel Vassallo issugerixxa li titnaddaf il-giebja u jibda jittiehed l-ilma minn hemm biex isir it-tisqija tal-gnien. Dwar dan il-Kunsill qabel li jingiebu kwotazzjonijiet.

2.3 Il-Kunsilliera Rose Agius fakkret li qed ikun hemm diversi ilmenti rigward il-lettrini fejn qed jinghad li qed jinzammu miftuhin. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li meta ingibdet l-attenzjoni lill-kuntrattur, dan informa li qed jinghalqu izda gieli jinghalqu ftit tard minhabba li jkun ghad hemm in-nies. F'dal-kaz il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni li jinghalqu ftit tard jekk ikun hemm in-nies.

2.4 Wara din id-diskussjoni, l-iSkeda ta' Pagamenti numru 58-2016 giet approvata unanimament.

3. **Financial Statements 2015**

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li il-*back up* li intbaghtet minghand l-*Accountant* precedenti Patrick Caruana ma kinitx aggornata sa Settembru 2015. Ghaldaqstant wara li saret laqgha ma l-*Accountants* tal-Kunsill, dawn bdew jahdmu sabiex fuq l-informazzjoni li ghandhom u jzidu maghha sabiex jiffinalizzaw il-*Financial Statements 2015*.

## 4. Tigdid tal-Kuntratt tal-Assistant Skrivan (Skala 16) fuq bazi full-time

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li iz-zmien tal-probation tal-assistant Skrivan (Skala 16) skada u ghaldaqstant ghandu jigi deciz it-tigdid tal-Kuntratt tieghu.

4.2 Rigward l-imgieba u l-kwalita ta' xoghol tas-Sur Shaun Spiteri, is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hija wahda tajba u ghaldaqstant qed jigi rakkomandat li dan il-kuntratt jiggedded.

4.3 Il-Kunsill qabel li l-kuntratt ghandu jiggedded bil-kundizzjoni li fiz-zmien sentejn l-assistent skrivan jgib il-kwalifici bazici mehtiega ghall-pozizzjoni ta' Skrivan (Skala 15) u din il-klawsola ghandha tkun stipulata fil-kuntratt tieghu.

## 5. Evalwazzjoni tat-Tender Nru GHLC/T/01/2016: Road Resurfacing and Patching Works

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill, ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-Perit Marvin Ellul rigward it-tender GHLC/T/01/2016

5.2 F'din l-evalwazzjoni il-Perit qed jirrakomanda li l-offerta mitfugha mill-kumpanija Peter Plant Ltd. hija l-iktar wahda vantaggjuza. Il-Kunsill innota li l-offerta tal-patching mill-kuntrattur Peter Plant Ltd. hija iktar gholja u ghaldaqstant il-Kunsill ippropona li qabel jigi ffirmat il-kuntratt, il-Kunsill ghandu jaghti ftit patching bi prova, li dan ghandu jigi certifikat mill-Perit tal-Kunsill u *a bazi* ta' dan il-Kunsill jiddeciedi jekk jaghzilx din l-offerta jew imur fuq it-tieni wahda.

5.3 Is-Sindku Darren Abela ippropona li ssir Triq San Filippu bil-*patching*. Dwar da nil-Kunsill qabel.

5.4 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, il-Kunsill qabel li jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Perit u skond materja numru 5.2.

## 6. Korrispondenza

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li fid-29 ta' Awwissu fl-5pm ser issir il-konsultazzjoni rigward il-progett ta' *building alignment* fi Triq il-Gudja k/m Dawret Hal Ghaxaq. Is-Sindku Darren Abela ikkonferma li ser jattendi. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ippropona li tintbaghat ittra lic-Chairman tal-Planning Authority fir-rigward ta' pjanti li l-Kunsill talab u li baqghu ma inghatawx. Dwar dan il-Kunsill qabel.

6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza minghand il-koordinatur tal-iSkola Sajf fejn infurmawna li ser jorganizzaw attivita nhar it-2 ta' Settembru 2016 relatata mal-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera Rose Agius ipproponiet li waqt l-attivita' issir konsultazzjoni mat-tfal dwar suggerimenti fil-qasam tal-Kunsilli Lokali u jkun prezenti is-Sindku u membri ohrajn waqt il-konsultazzjoni. Dwar dan il-Kunsill qabel.

6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza rigward talba sabiex tigi organizzata sezzjoni ta' attivita' fizika fl-okkazzjoni ta' Jum Dinji tal-Fizjoterapija. Din l-attivita' se ssir nhar it-13 jew is-16 ta' Settembru u qed jintalab post fejn jistghu isiru. Il-Kunsill ippropona is-Sala tal-Kunsill jew is-Sala Parrokjali.

6.4 Tressqet korrispondenza rigward laqgha sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-problemi tat-traffiku li jezistu fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li tintalab issir laqgha qabel il-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

6.5 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li il-Kunsill ghamel talba ghal green wardens fejn l-iskips fi Triq Tumbarellu ghal tliet ijiem. Meta l-Kunsill talab ghall-*feedback*, il-kumpanija LESA infurmatna li hadd ma tefa ebda skart f'dawn it-3 ijiem.

6.6 Tressqet korrispondenza rigward talba sabiex il-pots fi Triq Gammari Dalli jitnehhew u minflok isiru parking spaces. Din it-talba giet milqugha.

6.7 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li minhabba li l-progett tal-Kunsill taz-Zghazagh ma giex onorat u ma ntlahaqx il-ftehim tal-attivitajiet kollha mnizzla fil-kuntratt, ghaldaqstant il-Kunsill irid jirrifondi lura l-ammont ta' €636.80. Il-Kunsill qabel li jinhareg il-pagament.

6.8 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-konsultazzjoni tal-Kunsill l-applikazzjonijiet tal-MEPA annessi mal-Minuti. Hadd mill-Kunsill ma ressaq oggezzjonijiet.

6.9 Rigward it-tabella ta' Sqaq San Mikiel, is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li din regghet inkissret. Is-Sindku Darren Abela qal li se tinxtara ohra u titwahhal bil-boldijiet.

**7. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

7.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex Triq G.Naudi, issir bollard minhabba li qed jidhlu vetturi kbar u jkissru l-ispralli. Il-Kunsill ma qabilx li f'din it-triq issir bollard minhabba li t-triq ma tippermettix li jidhlu trakkijiet.

7.2 Is-Sindku Darren Abela fakkar li skond dak li ddiskuta l-Kunsill fl-ahhar laqgha, se jinxtraw xi injam sabiex isiru il-bankijiet tal-*pallets*.

7.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba ghal *Sleeping police* fit-tarf ta' Triq il-Qattus ma Triq Tumbarellu. Il-Kunsill ma qabilx li ghandha ssir sleeping police izda li issir *stop sign.* Tressqet ukoll talba ghal *sleeping police* fi Triq Giovanni Scicluna, fejn il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ippropona li jsiru *road bumps* minflok *sleeping police* sabiex titnaqqas il-velocita tas-sewqan. Il-Kunsill qabel li jgib kwotazzjonijiet. Tresqet ukoll talba ghal *sleeping police* ohra fi Triq Marjanu Gerada izda il-Kunsill ma qabilx li ssir minhabba li m'hemmx in-neccessita'.

7.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar id-dawl fi Triq in-Narcis fejn ippropna li jitwahhlu tliet arbli u wara tintbaghat l-Enemalta ghal *connection*.

7.5 Dwar l-Attivita tal-Milied, is-Sindku Darren Abela ippropona li ssir laqgha fis-6 ta' Settembru 2016 fis-6.00pm sabiex jigu diskussi l-idejat u l-proposti ghal din l-attivita'.

## 8. Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera

8.1 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hemm bozza fi Triq Has Saptan li mhux tixhel. Din ser tigi rraportata.

8.2 Il-Kunsillier Keith Fenech tkellem dwar numru ta' problemi li l-Ghaqda Muzikali San Guzepp bhalissa qed tiffaccja. Numru zghir ta' girien li uhud minnhom gew joqoghdu Hal Ghaxaq ricentament u ohrajn li lanqas biss joqoghdu fil-propjeta li hemm hdejn il-kazin qed jaghmlu minn kollox biex iwaqqfu lill-kazin milli juza l-propjeta tieghu skond il-ligi kif ghandu dritt li jaghmel. Primarjament il-problemi bdew matul l-ahhar 3 snin wara li l-Ghaqda Muzikali San Guzepp xtrat propjeta gdida li tmiss mal-kazin l-antik u giet estiza mal-kazin. L-Ghaqda ghandha l-permessi necessarji kollha minghand il-PA. Il-Kunsillier Keith Fenech kompla billi ippropona li f'dan l-istadju il-Kunsill ghandu jiehu pozizzjoni dwar dan l-izvilupp. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarkat li l-Kunsill qatt ma oggezzjona dan l-izvilupp f'post privat ghaldaqstant awtomatikament mhuwiex kontra tieghu. Il-Kunsillier Fenech ippropona li per oil-Kunsill ghandu jiehu pozizzjoni cara favur il-hidma u l-kontribut li l-kazini jaghtu lir-rahal taghna u ghaldaqstant il-kunsill mhux talli ma joggezzjonax li l-kazini jkomplu jikbru anzi jinkoraggixxi tali progetti, dment li dak li jsir ikun dejjem skond il-ligi. Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-Kunsill jiehu pozizzjoni u jiccara li l-Kunsill Lokali mhuwiex kontra l-ebda zvilupp fejn jidhlu l-ghaqdiet tal-lokal taghna u lest li jappogja dawn l-izviluppi dejjem jekk ikunu konformi mal-ligi. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Aggornament tal-Laqgha

9.1. Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 13 ta' Settembru 2016 fis-6.00pm

Il-Laqgha ntemmet fid-9.00pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |